# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 15**

**Avviz numru 642/00/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Rubino Spira**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sebgha u hamsin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM257.72,0) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku 443172 (skond kif jirrizulta mill-anness statement "Dok A" liema servizz gie stallat fil-fond 12, Triq Guse Duca, Qormi, u dana skond ma kif jidher mill-anness 'service agreement' Dok. B;**

**Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 24 t'Awissu, 1999 u bit-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fit-28 ta' Frar tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**